31980R1238

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE, EURATOM, KEFA) Nru 1238/80 tat-13 ta' Mejju, 1980 li jemenda r-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1860/76 li jistabbilixxi l-Kondizzjonijiet tax-xogħol ta' l-impjegati tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol.

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 li jwaqqaf il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol [1], u partikolarment l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi huwa l-Kunsill li jista', filwaqt li jagħixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni, jemenda l-Kondizzjonijiet tax-xogħol ta' l-impjegati tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol stabbiliti fir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1860/76 [2];

Billi ċerti disposizzjonijiet tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1870/76 għandhom ikunu emendati fid-dawl tar-Regolamenti (Euratom, KEFA, KEE) Nru 912/78 [3] u (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3085/78 [4] li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-Impjegati għall-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tax-Xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej;

Billi għandha tingħata prijorità u importanza lid-disposizzjonijiet li jikkonċernaw ir-rati tal-kambju, biex b'hekk jiġi evitat iktar tagħwiġ;

Billi huwa wkoll mixtieq illi ċerti disposizzjonijiet fil-Kondizzjonijiet tax-xogħol jiġu emendati, partikolarment dawk li jikkonċernaw remunerazzjoni, azzjoni dixxiplinarja, tul tal-perjodu ta' prova, *leave* tal-maternità, ħin ta' l-ivvjaġġar u spejjeż ta' l-ivvjaġġar, bil-għan illi jsir allinjament ma' dawk li japplikaw għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Kondizzjonijiet tax-xogħol għall-impjegati tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għandu jiġu emendati skond l-Artikoli li ġejjin.

Artikolu 2

Il-kliem li ġej għandu jiżdied ma' l-aħħar paragrafu ta' l-Artikolu 17:
"jew tal-livelli rilevanti ta' sigurtà".

Artikolu 3

Il-paragrafu li ġej jinżdied ma' l-Artikolu 20:

"Impjegat assenjat mid-direttur tal-Fondazzjoni doveri ta' tagħlim taħt l-iskema ta' taħriġ u tagħlim ulterjuri kif provdut fit-tielet paragrafu jista' jingħata allokazzjoni taħt il-Kondizzjonijiet mniżżla fl-Artikolu 9a ta' l-Anness IV".

Artikolu 4

Il-paragrafu li ġej jinżdied ma' l-Artikolu 25:

"Fejn waqt iż-żmien ta' prova tiegħu, impjegat ma jitħalliex, minħabba raġunijiet ta' mard jew inċidenti, jaqdi dmirijietu għal perjodu ta' xahar jew aktar, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' xogħol tista' testendi l-perjodu ta' prova tiegħu b'perjodu ta' żmien korrispondenti".

Artikolu 5

Fl-Artikolu 29, "10 ġimgħat" u "16-il ġimgħa" għandhom jieħdu post "tmien ġimgħat" u "14-il ġimgħa" rispettivament.

Artikolu 6

1. L-Artikolu 39(1) jinbidel b'dan li ġej:

"1. Mat-twelid ta' tarbija lil impjegat, il-persuna li jkollha l-kura propja tat-tarbija għandha tirċievi s-somma ta' FB 8 000.

L-istess għotja tingħata lil impjegat li jaddotta tifel li għandu inqas minn ħames snin u li hu dipendenti fis-sens ta' l-Artikolu 7(2) ta' l-Anness IV.

L-ammont huwa ekwivalenti għall-ammont speċifikat fl-Artikolu 74(1) tar-Regolamenti ta' l-Impjegati ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropew u jkun awtomatikament adattat skond kull bidla f'dak l-ammont."

[1] ĠU L 139, tat-30.5.1975, pġ. 1.
[2] ĠU L 214, tas-6.8.1976, pġ. 24.
[3] ĠU L 119, tat-3.5.1978, pġ. 1.
[4] ĠU L 369, tad-29.12.1978, pġ. 6.

2. L-Artikolu 39(3) jinbidel b'dan li ġej:

"3. Ir-riċevitur ta' għotja mat-twelid ta' tarbija għandu jiddikjara kwalunkwe għotjiet ta' l-istess sura li jkun irċieva minn sorsi oħra għall-istess tarbija; dawn l-għotjiet jitnaqqsu millgħotjiet provduti hawn fuq. Meta ż-żewġ ġenituri huma mpjegati tal-Fondazzjoni, l-għotja titħallas darba biss."

Artikolu 7

1. Fl-Artikolu 1(a) ta' l-Anness II, "siegħa *off*" tinbidel b' "siegħa u nofs *off*" u "siegħa u nofs" b' "sagħtejn".

2. Fl-Artikolu 1(b) ta' l-Anness II, "0 772 %" jinbidel b'"0 756 %".

Artikolu 8

Il-paragrafu li ġej jiddaħħal fl-Artikolu 7 ta' l-Anness III:

"Fejn impjegat jibbenefika mit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 15(2) ta' l-Anness IV, il-ħin għall-ivvjaġġar ibbażat fuq id-distanza bil-ferrovija bejn il-post ta' l-oriġini u l-post ta' l-impjieg ikun kif ġej:

— sa 900 km: ġurnata waħda għall-vjaġġ 'il barra u lura,

— aktar minn 900 km: jumejn għall-vjaġġ 'il barra u lura."

Artikolu 9

1. L-Artikolu 2 ta' l-Anness IV jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Ir-remunerazzjoni ta' l-impjegati hija espressa fi Franki Belġjani. Titħallas fil-munita tal-pajjiż fejn l-impjegat jaqdi dmirijietu.

Remunerazzjoni mħallsa f'munita li mhjiex Franki Belġjani tkun kalkolata fuq il-bażi tar-rati tal-kambju applikabbli għar-remunerazzjoni skond l-Artikolu 63 tar-Regolamenti ta' l-Impjegati ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej."

2. Fl-Artikolu 5 ta' l-Anness IV, għandha titħassar is-sentenza li jmiss:"Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ikollha s-setgħa li tapplika dawn l-adattamenti għat-tabella tas-salarji bażiċi u l-ammonti ta' allokazzjonijiet tal-familja u allokazzjonijiet oħra".

3. Fl-Artikolu 24 ta' l-Anness IV, "Ir-rati li jinsabu f'Sezzjoni 2, 3 u 4" jinbidel b' "Ir-rati li jinsabu f'Sezzjoni 4".

4. Il-Paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw b'effett mill-1 ta'April 1979.

Artikolu 10

Fl-Artikolu 6(3) ta' l-Anness IV "FB 250 000", jinbidel bi "is-salarju annwali bażiku ta' impjegat fit-tielet tarġa tal-grad Ċ 3, miżjud bir-rata tal-pajjiż fejn il-konjuġi jaħdem jew taħdem".

Artikolu 11

L-ewwel komma tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 8 ta' l-Anness IV jinbidel b'dan li ġej:

"— impjegat li l-post ta' l-impjieg tiegħu huwa mill-inqas 50 kilometru 'l bogħod minn jew:

— skola Ewropea, jew

— stabbiliment edukattiv li jaħdem bil-lingwa tiegħu fejn it-tifel jattendi għal raġunijiet edukattivi impellanti debitament appoġġjati mill-provi."

Artikolu 12

Is-sezzjoni li jmiss jiddaħħal fl-Anness IV:

"Sezzjoni 2a

L-ALLOKAZZJONI TAT-TAGĦLIM

Artikolu 9a

Impjegat assenjat mid-direttur tal-Fondazzjoni biex jgħallem taħt l-iskema ta' taħriġ u tagħlim ulterjuri kif provdut fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 20 tal-Kondizzjonijiet tax-xogħol jista' jingħata benefiċċju ugwali għal 0 745 % tas-salarju bażiku tiegħu ta' kull xahar għal kull siegħa ta' tagħlim li jagħti barra l-ħinijiet normali tax-xogħol.

Dan il-benefiċċju jitħallas flimkien mar-remunerazzjoni għal wieħed mix-xhur li jsegwu dak li fih it-tagħlim ikun ġie mogħti."

Artikolu 13

1. Il-kelma "Ewropew" titħassar mill-ewwel komma ta' l-Artikolu 10(a) ta' l-Anness IV.

2. Il-paragrafi li ġejjin għandhom jinżdiedu ma' l-Artikolu 10 ta' l-Anness IV:

"2. Impjegat li mhuwiex u qatt ma kien ċittadin ta' l-Istat li fit-territorju tiegħu huwa impjegat u li ma jissodisfax il-Kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għandu dritt għal allokazzjoni għal residenza barranija ugwali għal kwart tal-benefiċċju ta' l-espatrijazzjoni.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, impjegat li biż-żwieġ akkwista awtomatikament bla ma jista' jirrinunzja ċ-ċittadinanza ta' l-Istat li fit-territorju tiegħu huwa jew hija impjegata jiġi trattat bl-istess mod bħal ma hu trattat impjegat li jaqa taħt l-ewwel komma tal-paragrafu 1 (a)."

3. It-test eżistenti ta' l-Artikolu 10 ta' l-Anness IV isir paragrafu 1.

Artikolu 14

Dan li ġej jiddaħħal bejn l-ewwel u t-tieni sentenzi ta' l-Artikolu 15(2) ta' l-Anness IV:

"Madanakollu, jekk id-distanza tal-vjaġġ 'il barra u lura hija ta' 800 kilometru jew aktar, il-ħlas għall-impjegati fil-kategoriji Ċ u D ikun ibbażat fuq il-prezz ta' biljett ta' l-ewwel klassi.

Fejn id-distanza bil-ferrovija bejn il-post ta' l-impjieg u l-post ta' l-oriġini taqbeż 500 kilometru u fil-każijiet fejn ir-rotta tas-soltu taqsam il-baħar, l-impjegat konċernat ikun intitolat, meta jipproduċi l-biljetti, għar-rimbors tal-prezz tal-vjaġġ bl-ajru fil-klassi immedjatament taħt il-klassi lussuża jew l-ewwel klassi."

Artikolu 15

Fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 19(2) ta' l-Anness IV, il-kliem "klassi lussuża jew" jiddaħħlu wara "taħt".

Artikolu 16

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u hu direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 13 ta' Mejju 1980.

Għall-Kunsill

Il-President

A. BISAGLIA